31996R0341

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 341/96

tas-26 ta' Frar 1996

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1429/95 fir-rigward tar-regoli dettaljati għall-applikazzjonijiet tal-liċenza

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 426/86 ta' l-24 ta' Frar 1986 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fi prodotti proċessati minn frott u ħxejjex [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2314/95 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 13(8) tiegħu,

Billi, sabiex ma jitħalliex li jsir numru eżaġerat ta' applikazzjonijiet għal-liċenzi kif imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1429/95 tat-23 ta' Ġunju 1995 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli għall-ħlasijiet lura ta' l-esportazzjoni fuq prodotti proċessati minn frott u ħxejjex minbarra dawk mogħtija għal zokkor miżjud [3], għandu jiġi stabbilit limitu fuq il-kwantità totali għal kull prodott li għalih jistgħu jiġu aċċettati l-applikazzjonijiet minn operatur;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni dwar Prodotti Proċessati minn Frott u Ħxejjex,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1429/95 huwa emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu 4 li ġej hu miżjud fl-aħħar ta' l-Artikolu 3:

   "4. Għal kull jum li fih isiru l-applikazzjonijiet, operatur ma jistax jibgħat applikazzjonijiet għall-liċenzi dwar prodott għal kwantità li teċċedi dik stipulata għal dak il-prodott matul il-perjodu ta' allokazzjoni in kwistjoni.

   Fejn il-kwantità stabbilita tiġi miżjuda matul il-perjodu ta' l-allokazzjoni, l-applikazzjonijiet sussegwenti ma jistgħux isiru dwar kwantità li teċċedi d-differenza bejn il-kwantità stabbilita qabel iż-żieda u l-kwantità stabbilita wara ż-żieda.

   L-Istati Membri għandhom jirrifjutaw l-applikazzjonijiet kollha li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet ta' hawnfuq fil-jum tas-sottomissjoni tagħhom."

2. L-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "— il-kwantitajiet li għalihom ikunu saru applikazzjonijiet għal-liċenzi, kemm sew jekk bl-iffissar bil-quddiem tal-ħlas lura sew jekk le, minbarra dawk koperti bl-applikazzjonijiet rifjutati skond l-Artikolu 3(4) jew, skond il-każ, in-nuqqas ta' applikazzjonijiet,"

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Frar 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 49, tas-27.2.1986, p. 1.
[2] ĠU L 233, tat-30.9.1995, p. 69.
[3] ĠU L 141, ta' l-24.6.1995, p. 28.